# Id tad-Deheb

Ivan De Battista






Is-Sur Carlston Grima

Isem: ____________________ Klassi: ______________

Dan ir-rumanz jeħodna dritt fuq il-**bankijiet tal-iskola**. Ġrajja li tagħti ħarsa lejn l-interazzjoni u l-emozzjonijiet li jħossu l-istudenti tal-lum bejniethom. L-**ibbuljar** prattikament hija problema soċjali kbira li qed inġarrbu kuljum. Qed naraw b'għajnejna l-impatt tiegħu b'mod akut fl-imġiba ta' ċerti studenti lejn studenti oħra, kemm barra minn xtutna kif ukoll f'Malta. Issa anke qed ngħixuhom virtwalment permezz tal-internet ukoll!

**Justin** u **Cedric** huma infatti tnejn minn dawn l-istudenti illi l-ħajja familjari u l-emozzjonijiet suwed tagħhom sawruhom f'żewġ persuni li huma l-biża' u t-terrur ta' kulħadd. Ġimgħa fost l-oħrajn, dawn it-tnejn daħlilhom f'rashom li riedu jħarbtu wieħed mill-istudenti tal-klassi tagħhom, **Luca**. Luca kien ix-xempju tal-istudenti. It-telfa t'ommu f'età daqstant tenera, irrendietu f'ġuvni sensittiv u ġwejjed. L-iċken ħaġa li xtaq dakinhar kien li jaqbdu miegħu dawk it-tnejn! Kif induna b'dak li kien ġralu Luca u sħabu indunaw miegħu, ingħaqdu, u marru jfittxu lil dawk it-tnejn u dak li ħadu magħhom ...

Meta l-istudenti baqgħu ma rritornawx lura mill-iskola, il-ġenituri tħassbu u xi għalliema flimkien mas-Surmast tathom rashom b'din l-aħbar u rħewlha jfittxu lil dawn l-istudenti 'mitlufin'.

**Xi ġralhom Justin u Cedric? X'sabu l-għalliema flimkien mas-Surmast f'nofs l-għelieqi? U kif pattihielhom Luca?**


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 1

A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Min huma l-agħar żewġ subien tal-klassi?

   ______________________________________________________

2. Semmi tliet affarijiet li kien jagħmel Justin lil xi studenti tal-klassi tiegħu?

   _______________________________________________________

   _______________________________________________________

   ____________________________________________________

3. X'kien Cedric għall-familja tiegħu? Għala?

   ______________________________________________________

4. Kien jagħti kashom l-għalliem tal-Matematika? X'kien l-importanti għalih?

   _______________________________________________________

   _____________________________________________________

5. Xi ddeċidew li jagħmlu lil Luca?

   _______________________________________________________

   _____________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Justin u Cedric kellhom ħmistax-il sena. ______
2. Cedric kien jibża' ftit minn sieħbu Justin. ______
3. Il-ġurnata tal-iskola kienet il-Ġimgħa. ______
4. Il-ġimgħa ta' qabel imlew basket ta' wieħed iżgħar minnhom kollu bl-ilma. ______
5. Justin ħabbat darba bil-ponn ma' ras Cedric. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 2



A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. X'kien jgħidlu qaddisu, Luca?

   ________________________________

2. Semmi tliet affarijiet li kienu għamlu lil Luca, Justin u Cedric?

   ________________________________

   ________________________________

   ________________________________

3. Fi ftit kliem iddeskrivi l-karattru ta' Luca.

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

4. X'għamlu Cedric u Justin kwarta qabel ma spiċċat il-lezzjoni?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

5. Għala l-istudenti kienu jħobbu l-Matematika u l-għalliem tas-suġġett?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. In-nuċċali ta' Luca kien ftit ikbar minn wiċċu. ______
2. Luca, wara l-mewt t'ommu, spiċċa jgħix maz-zijiet. ______
3. Cedric u Justin talbu 'l-għalliem biex jibgħathom it-tojlit. ______
4. Justin tbaxxa fl-art u ħataf il-basket ta' Luca. ______
5. Justin u Cedric tfaċċaw lura fil-klassi wara żewġ minuti. ______

 © Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 3

A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. X'għamel Luca bil-lapsijiet u l-bajros?

    ____________________________________________________________

2. Wara li Justin u Cedric serqu l-basket ta' Luca, fejn marru u waqfu?

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

3. X'idea kellu Justin? Qabel magħha Cedric?

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

4. Kif kien Luca wara li ħadulu l-basket? Kif jiflaħ għaliha din l-affari?

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

5. X'għamlu l-ħbieb vera ta' Luca, xi ddeċidew li jagħmlu, u x'ra Nicky?

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

    ____________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Iż-żraben ta' Cedric u Justin kienu puliti u jleqqu. ______
2. Iddeċidew li jaqbdu l-basket u jagħmluh ħuġġieġa. ______
3. Xħin ma sabx il-basket, Luca beda jirrabja u jkisser kulma ġie quddiemu. ______
4. Sħab Luca bdew ifittxu mal-iskola kollha biex isibu l-basket. ______
5. Nicky ra lil Cedric u lil Justin jaqbżu u jitbaħnu. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 4

A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Biex kien mimli l-basket ta' Luca?

   ____________________________________________________________

2. Xi ħsara għamlu lill-ambjent?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

3. Xi ġralu Luca waqt li kien qed jiġri ma' sħabu?

   ____________________________________________________________

4. Kif sabu lil Luca, sħabu, u x'għamlulu?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

5. X'oġġett sentimentali kellu fil-basket Luca? X'għamlu bih Cedric u Justin?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Cedric u Justin kienu sensittivi għal xi ħadd li jkun qed ibati. ______
2. Luca u sħabu kienu qishom tal-*Pink Panther*. ______
3. Fil-weġgħat, omm Luca kienet tiġi quddiem għajnejh. ______
4. Nicky u Damian kienu pronti qabduh minn taħt dirgħajh biex jgħinuh iqum. ______
5. Justin kiteb kliem iebes fuq ir-ritratt t'omm Luca. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 5



A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Għala Luca ma setax jgħaġġel u jaqbeż bħal sħabu?

   ____________________________________

2. Iddeskrivi lil sħab Luca: Damian, lil Jimmy u lil Nicky.

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

3. X'kien hemm imdendel mas-siġar?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

4. X'għamlu sħab Luca xħin raw hekk?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

5. Min-naħa l-oħra x'kienu qegħdin jagħmlu Cedric u Justin?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Jimmy ma tantx kien jemmen fil-kapaċitajiet tiegħu. ______
2. Missier Nicky kien isawtu ħafna lil Nicky. ______
3. *Fl-Għaqda s-Saħħa* tfisser li meta tingħaqad tkun b'saħħtek. ______
4. Il-qanpiena tal-kappella tal-iskola daqqet it-tlieta. ______
5. Sħab Luca kienu qishom pulizija tas-sezzjoni tal-Forensika. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 6



A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Għala bdew jinkwetaw il-ġenituri taż-żgħażagħ?

   ______________________________________

2. X'għamel is-Surmast u ħames għalliema oħra?

   ______________________________________

   ______________________________________

3. X'sabu fil-klassi ta' dawk is-subien? Ta' kollha kienu hemm?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

4. X'wegħedhom lill-ġenituri, is-Surmast? Minn min kienu jibżgħu l-għalliema?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

5. Iddeskrivi l-għalliema tal-Matematika, tal-Ingliż, tal-Bijoloġija, tal-Malti u tal-Fiżika, waqt li kienu qegħdin ifittxu lill-istudenti.

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. L-istudenti kienu tilfu l-prajvits. ______
2. Is-Surmast ħa pjaċir li kien stinka biex jilħaq surmast. ______
3. Cedric u Justin kienu qed jgħidu bejniethom iċ-ċajt pastaż. ______
4. Luca sab ir-ritratt t'ommu fiż-żipp ta' quddiem tal-basket. ______
5. L-għalliema kienu kollha inkwetati li għadhom ma sabuhomx. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 7

A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Fejn sabuh ir-ritratt Nicky u Damian?

   ______________________________________________________

2. X'għamel Luca hekk kif ra r-ritratt t'ommu?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________

3. F'daqqa waħda, x'għamel sid l-għalqa (il-bidwi) lil Cedric u 'l Justin?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________

4. L-għalliema u s-Surmast waqfu milli jfittxu? X'raw itir minn ħdejn is-siġar?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________

5. Hekk kif Luca u sħabu waslu f'fetħa f'nofs l-għalqa, x'semgħu?

   ______________________________________________________

   ______________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Nicky sejjaħ lil Justin u 'l Cedric bħala viljakki. ______
2. Xħin il-bidwi beda jgħajjat ma' Cedric u Justin, huma bdew jiġru bħal xadini fferoċjati. ______
3. Il-bidwi kien b'saħħtu ħafna u mimli bi tpinġija. ______
4. Il-karta li sabu l-għalliema u s-Surmast kienet tal-Bijoloġija. ______
5. Il-bużbież u l-għollieq kien tajjeb biex issajjar bih. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 8



A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Xi ġralhom Justin u Cedric?

   ____________________________________

2. X'beda jgħidilhom u jgħajjat Nicky?

   ____________________________________

   ____________________________________

   ____________________________________

3. Iddeskrivi l-qagħda ta' Justin u Cedric wara li waqgħu fil-bokka.

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

   ________________________________________________________

4. Xi spjega tah lill-bidwi, is-Surmast, wara li ġie jirrabja magħhom?

   ____________________________________________________________

   __________________________________________________________

5. X'kien se jagħmel Nicky wara li sab dak li kien qed ifittex? Għamilha?

   ____________________________________________________________

   __________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Nicky kien qisu rebaħ lotterija bil-ferħ b'dak li kien ġralhom. ______
2. Cedric u Justin ma kien ġralhom xejn speċjali. ______
3. Is-Surmast u l-għalliema qalgħu ċanfira mingħand il-bidwi. ______
4. Is-Surmast kien jaf li kiser il-liġi imma xorta għamel li ried. ______
5. Sħab Luca bdew jinsistu ma' Nicky biex iwaddab il-ġebla. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 9



A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. X'qal Luca lil Nicky, u x'talabhom jagħmlu lil sħabu?

___________________________________

___________________________________

___________________________________

___________________________________

2. Għala Cedric kompla jibki u jolfoq xħin sema' leħen Luca?

___________________________________________________________

3. X'għamel Luca ma' Cedric u Justin, u x'qallu Cedric?

___________________________________________________________

___________________________________________________________

________________________________________________________

4. X'ħasadhom lil Luca u 'l sħabu, waqt li kienu qed itellgħuhom?

___________________________________________________________

5. X'għamel is-Surmast, u fejn ittieħdu Cedric u Justin?

___________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Nicky ħaseb li Luca ried iwaddab il-ġebla hu. ______
2. Luca qabad u beda jgħajjar lil Cedric u 'l Justin. ______
3. Cedric u Justin bdew jirrabjaw u ma riedu l-ebda għajnuna. ______
4. L-għalliema u s-Surmast bdew jifirħu u jkantaw xħin rawhom. ______
5. Hekk kif Cedric beda jiddaħħal fl-ambulanza, tbissem lil Luca biex jirringrazzjah ta' dak li għamel miegħu. Kienet tfisser ħafna. ______


© Is-Sur Carlston Grima

# Kapitlu 10

A. Wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Wara li kull student ta l-verżjoni tiegħu ta' x'ġara, x'għamel is-Surmast? Għala?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

___________________________________________________________

2. Kif kienet il-qagħda ta' Cedric u Justin?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

___________________________________________________________

3. X'għamlu Luca u sħabu?

_____________________________________________________________

4. Kif inbidlu Cedric u Justin wara l-inċident li kellhom?

_____________________________________________________________

5. X'għamlu sħabhom tal-klassi u x'tagħlima ħadu?

______________________________________________________________

____________________________________________________________

B. Veru jew Falz:

1. Il-ġenituri ġew infurmati kollha. ______
2. Justin kien f'qagħda kritika ħafna u sarlu intervent mediku. ______
3. Cedric għamlulu l-ġibs u l-pins f'idejh it-tnejn. ______
4. Huma daħlu l-iskola bħal żewġ nagħġiet konvertiti. ______
5. Għalihom, Luca kien eroj għax offrielhom id tad-deheb. Irranġaw ma' sħabu biex jagħmlu kopja ġdida tar-ritratt t'ommu. ______


© Is-Sur Carlston Grima